MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1859/2003

**AMC Marketing Limited**

**vs**

**The Food House Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Settemmbru 2003 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mija u tlieta u sittin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm1163.37) rapprezentanti pprezz ta' labels, giablo trays u boroz tal-packaging li gew miibjugha u kkonsenjati lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici.
BL-imghax u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri legali datati 27 ta' Gunju 2003 u 17 ta' Lulju 2003 u bir-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Rispossta prezentata mis-socjeta' konvenuta fejn hija eccepiet is-segwenti:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt hekk kif ser jigi pruvat waqt it-rattazzjoni tal-kawza.
2. Illi minghajr pregudizzju, il-merkanzija in kwistjoni ma gietx ikkonsenjata u/jew giet ikkonsenjata wara dewmien inaccettabbli b'mod li, allura, l-iskop kollu wara x-xiri tal-merkanzija in kwistjoni min-naha tas-socjeta' konvenuta spicca ghal kollox u'jew l-istess merkanzija ma baqghetx aktar utili ghaliha kif ser jirrizulta waqt l-andament tal-kawza.
3. Illi minghajr pregudizzju, parti integrali tal-merkanzija in kwistjoni mhux ser tkun tista' tigi wzata (li jissejhu 'cliches'), ma gietx ikkonsenjata u/jew giet ikkonsenjata biss wara dewmien inaccettabbli b'mod illi allura, s-socjeta' attrici m'onoratx l-obbligu kuntrattwali taghha kif sser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
4. Illi l-ammont mitlub huwa esagerat ghal kollox kif ser jirrizluta waqt it-rtattazzjoni tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta' Victor Zammit u ta' Emanuel Schembri. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Hja konjizzjoni tan-Nota ta' Sottomissjonijieet prezentata mis-socjeta' konvenuta u tan-Nota Risponsiva prezentata mis-socjeta' attrici.

Ikkunsidra:

Illi l-kawza tirrigwarda prezz ta' merkanzija konsistenti f'labels, boroz u trays tal-giablo li s-socjeta' konvenuta kienet ordnat minghand is-socjeta' attrici, liema oggetti gew debitament konsenjati mill-istess ssocjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta. Din tal-ahhar issostni li l-ammont mitlub m'ghandux jithallas minhabba li s-socjeta' attrici kienet naqset mill-obbligi taghha meta damet aktar miz-zmien patwit sabiex tikkkonsenja l-merkanzija ordnata. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet is-socjeta' konvenuta tikkjarifika li hija qed tinvoka bhala difiza d-disposizzjopnijiet tal-Artikoli 1068 u 1069 tal-kap. 16 u qed

titlob ir-rexissjoni tal-kuntratt ta’ bejgh stante li s-socjeta’ attrici m’onoratx l-obbligi minnha assunti.

Fil-fehma tat-Triibunal din-il-linja ta’ difiza cetrament taqa’ lil hinnn mill-gurisdizzjoni tieghu kif stabbilita fl-artikolu 3(2) tal-Kap. 380 stante li talba ghal rexissjoni ta’ kuntratt certament ma tistghax tigi kkunsidrata bhala talba “ta’ flus”. Ghaldaqstant ai temini tal-Artikolu 7(2)(a) tal-imsemmi Att it-Tribunal ser jissospendi dawn il-proceduri u qed jimponi terminu ta’ hamsa u ghoxrin (25) gurnaata mill-llum sabiex is-socjeta’ konvenuta tipproponi quddiem il-Qorti kompetenti l-azzjoni minnha proposta in linea ta’ difiza fil-proceduri odjerni u fin-nuqqas li tali azzjoni tgi proposta it-Tribunal jghaddi biex jiddeciedi dwar l-azzjoni attrici minghajr ma jiehu konizzjoni ulterjuri tad-difiza proposta mis-socjeta’ konvenuta kif hawn fuq imsemmi.

Il-kawza qed tigi ghalhekk differita sine die riappuntabbli b’rikors jew fl-eventwalita’ li t-terminu impost lis-socjeta’ konvenuta jghaddi inutilment minghajr ma tkun giet intavolata l-azzjoni minnha eccepita in linja ta’ ta’ difiza jew jekk tali azzjoni tkun giet proposta quddiem il-Qorti kompetenti meta tali azzjoni tkun giet finalment deciza mill-sitess Qorti.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------